Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

BirdLife Malta V.O. 0052

Vs.

Prim Ministru, Ministru ghall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, u Ministru ghal Ghawdex**.**

Protest Gudizzjarju ta' l-imsemmi BirdLife Malta.

Tesponi bir-rispett:

Illi dan l-ahhar gie mhabbar li l-Ministru ghal Ghawdex se ikun risponsabbli fost ohrajn tal-"Wild Bird Regulations Unit" u dan meta skond il-ligi l-persuna risponsabbli ghal regulamenti hawn fuq imsemmija huwa l-Ministru ghal Ambjent. Illi Kap 549 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent) espressament jistipola fl-istess att li meta issir riferenza ghal Ministru dan huwa riferenza ghal Ministru risponsabbli ghal Ambjent (Artikolu 2 ta' l-istess att).

Dan ifisser li kull "legal notice" maghmul mill-Ministru ghal Ghawdex u kull appuntament maghmul mill-istess Ministru, in-konnessjoni mal-Ambjent se jkun ultra vires ghaliex huwa biss l-Ministru tal-Ambjent li ghandu vesti ufficjali skond il-ligi sabiex jagixxi kif fuq imsemmi.

Ghaldaqstant l-esponenti fil-waqt li jgib dan kollu a konjizzjoni tal-intimati, tinterpella lil intimati biex jiehdu l-passi necessarji sabiex l-appuntatment tal-Ministru ghal Ghawdex ikun maghmul skond il-ligi u sabiex il-Ministru ghal Ambjent ikollu l-poteri lilu fdati skond il-ligi u sabiex il-portafoll tal-ambjent jigi assenjat u afdat f'idejn il-Ministru responsabbli mill-

Ambjent.. Il-mittenti minn issa tpoggi lill-intimati in dola colpa u mora ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Bl-ispejjes.

Av. Philip Manduca
Level 1, Britannia House, 9 Old Bakery Street,
Valletta VLT1450

Dr. Leslie Cuschieri

Mittent: 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX1120

Notifika : Il-Prim Ministru
Castille, Valletta

Ministru ghal Ambjent Casa Leone
St Joseph High street
Sta venera

Ministru ghal Ghawdex, St. Francis Square, Victoria Gozo VCT1335.